DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/901

tad-29 ta' Ġunju 2020

dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ("l-Istrateġija"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri li jeħtieġ li jittieħdu kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.

(2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi jiġu rilaxxati riżorsi finanzjarji b'appoġġ għal proġetti speċifiċi mmexxija minn istituzzjonijiet multilaterali, bħas-Segretarjat Tekniku Proviżorju tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO, *Comprehensive Nuclear-Test-Ban Treaty Organization*).

(3) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK [1] dwar l-universalizzazzjoni u t-tisħiħ ta' ftehimiet multilaterali fil-qasam tan-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom. Dik il-Pożizzjoni Komuni tappella, fost l-oħrajn, għall-promozzjoni tal-iffirmar u r-ratifika tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT, *Comprehensive Nuclear-Test-Ban Treaty*).

(4) L-Istati Firmatarji għas-CTBT iddeċidew li jistabbilixxu Kummissjoni Preparatorja, mogħtija kapaċità ġuridika u li jkollha prestiġju bħala organizzazzjoni internazzjonali, biex twettaq l-implimentazzjoni effettiva tas-CTBT, sa meta tiġi stabbilita s-CTBTO.

(5) Id-dħul fis-seħħ bikri u l-universalizzazzjoni tas-CTBT u t-tisħiħ tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO huma objettivi importanti tal-Istrateġija. F'dak il-kuntest, il-provi nukleari mwettqin mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea komplew jenfasizzaw l-importanza tad-dħul fis-seħħ bikri tas-CTBT u l-ħtieġa li s-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tas-CTBT tinżamm u tissaħħaħ.

(6) Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti stqarr f'"*Securing Our Common Future: An Agenda for Disarmament*" (Nassiguraw il-Futur Komuni Tagħna: Aġenda għad-Diżarm) li bir-restrizzjoni tal-iżvilupp ta' tipi ġodda u avvanzati ta' armi nukleari, it-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari rażżan it-tellieqa tal-armi u li huwa jservi wkoll ta' ostaklu normattiv b'saħħtu kontra l-Istati potenzjali li jistgħu jfittxu li jiżviluppaw, jimmanifatturaw u sussegwentement jakkwistaw armi nukleari bi ksur tal-impenji tagħhom ta' nonproliferazzjoni.

[1] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-universalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-ftehim multilaterali fil-qasam tal-kontroll tal-armi għad-distruzzjoni tal-massa u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34).

(7) Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, il-Kunsill adotta tliet Azzjonijiet Konġunti u erba' Deċiżjonijiet dwar l-appoġġ għal attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, jiġifieri l-Azzjonijiet Konġunti 2006/243/PESK ([2]), 2007/468/PESK ([3]) u 2008/588/PESK ([4]), u d-Deċiżjonijiet 2010/461/PESK ([5]), 2012/699/PESK ([6]), (PESK) 2015/1837 ([7]) u (PESK) 2018/298 ([8]).

(8) Dak l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jitkompla.

(9) L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi fdata lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO li, abbażi tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet uniċi tagħha bis-saħħa tan-network tas-Sistema ta' Monitoraġġ Internazzjonali (IMS, *International Monitoring System*), li tinkludi aktar minn 337 faċilità madwar id-dinja, u taċ-Ċentru Internazzjonali tad-Data (IDC, *International Data Centre*), hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali li għandha l-kapaċità u l-leġittimità li timplimenta din id-Deċiżjoni. Il-proġetti kif appoġġati mill-Unjoni jistgħu jiġu ffinanzjati biss permezz ta' kontribuzzjoni extrabaġitarja lill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini li titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija, l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tas-CTBTO, li għandhom l-għan li:

(a) jsaħħu l-kapaċitajiet tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika tas-CTBT, inkluż ir-rilevament radjunuklidu;

(b) jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Firmatarji għas-CTBT biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' verifika taħt is-CTBT u biex ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-parteċipazzjoni tagħhom fir-reġim tas-CTBT.

2. Il-proġetti li ser jiġu ffinanzjati mill-Unjoni għandhom jappoġġaw:

(a) il-manutenzjoni ta' stazzjonijiet sismiċi awżiljarji ċertifikati, li jagħmlu parti mill-IMS tas-CTBTO;

(b) l-involviment mal-Istati Firmatarji, inklużi l-validazzjoni u l-ittestjar ta' sistemi tekniċi bl-użu tat-teknoloġija tal-Cloud għat-tielet fażi tal-inġinerija mill-ġdid taċ-Ċentru tal-IDC;

(c) l-iżvilupp tal-mudell ta' Trasport Atmosferiku ta' Riżoluzzjoni Għolja Msaħħaħ;

(d) studju dwar titjib possibbli fil-prestazzjoni ta' simulazzjonijiet FLEXPART permezz tal-aċċellerazzjoni tal-Unità tal-Ipproċessar ta' Grafika;

([2]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/243/PESK tal-20 ta' Marzu 2006 dwar sostenn għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) fil-qasam tat-taħriġ u tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet għall-verifika u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 68).

([3]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/468/PESK tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Komprensiva tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifikazzjoni tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa. (ĠU L 176, 6.7.2007, p. 31).

([4]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/588/PESK tal-15 ta' Lulju 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massa (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 28).

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 219, 20.8.2010, p. 7).

([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).

([7]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1837 tat-12 ta' Ottubru 2015 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 83)

([8]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/298 tas-26 ta' Frar 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 34).

(e) l-iżvilupp ta' strument ta' valutazzjoni tal-isfond biex jikkwantifika kontribuzzjonijiet radjukseno għar-rilevament fi stazzjonijiet tal-IMS;

(f) l-iżvilupp ta' strument ta' valutazzjoni ta' terminu tas-sors;

(g) l-għoti ta' appoġġ minn servizz ta' għajnuna u ta' appoġġ ta' aġġornament lill-pjattaforma taċ-ċentru virtwali għall-użu tad-data;

(h) it-tkomplija tal-kampanji ta' kejl mobbli tar-radjuksenon f'reġjuni differenti tad-dinja;

(i) l-għoti ta' assistenza teknika inklużi t-tiswiħ tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni integrati bħat-titjib tal-kapaċitajiet tal-ipproċessar awtomatiku fil-qasam sismiku, idroakustiku u tal-infrasound (SHI) fl-NDC-in-a-Box u prodotti tal-IDC simplifikati u konformi mal-istandards u aċċess għas-servizzi għaċ-Ċentri tad-Data Nazzjonali (NDCs, *National Data Centres*);

(j) l-appoġġ għal taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u segwitu għall-NDCs emerġenti f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp madwar id-dinja, u l-akkwist u l-manutenzjoni ta' sistemi tat-tiswiħ tal-kapaċitajiet għall-NDCs;

(k) l-appoġġ tal-evoluzzjoni u l-omoġenizzazzjoni tas-sistema interattiva tal-ipproċessar ta' teknoloġija *multi-waveform*;

(l) l-organizzazzjoni ta' korsijiet introduttorji reġjonali abbażi ta' sorsi miftuħa dwar impatti sismiċi għal żewġ reġjuni ġeografiċi tas-CTBT;

(m) attività ta' sensibilizzazzjoni ta' pajjiżi li mhumiex firmatarji u pajjiżi li ma rratifikawx it-Trattat, inklużi Stati li l-firma u r-ratifika tagħhom huma meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tas-CTBT, u t-tiswiħ tal-kapaċitajiet għal żgħażagħ, membri parlamentari, ġurnalisti u xjentisti f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jew f'pajjiżi emerġenti.

3. Fl-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu żgurati kemm il-viżibbiltà tal-Unjoni kif ukoll il-ġestjoni xierqa tal-programm fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

4. Il-proġetti għandhom jitwettqu għall-benefiċċju tal-Istati Firmatarji kollha għas-CTBT.

5. Il-komponenti kollha tal-proġett għandhom ikunu appoġġati minn attivitajiet proattivi u innovattivi ta' sensibilizzazzjoni pubblika, u jiġu allokati riżorsi skont dawn.

6. Fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Hija għandha twettaq dan il-kompitu taħt il-kontroll tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 6 288 892,37.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-ġestjoni korretta tal-ammont ta' referenza finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li l-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim ta' finanzjament f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

ANNESS

Intestatura 1: Appoġġ għat-Teknoloġiji ta' Verifika u s-Sistema ta' Monitoraġġ

Komponent 1: Proġett 1: Sosteniment Kontinwu mis-Sistema ta' Monitoraġġ Internazzjonali (IMS, *International Monitoring System*) tal-Istazzjonijiet Sismiċi awżiljarji ċertifikati tal-IMS

Proġett 1: Sosteniment Kontinwu tal-Istazzjonijiet Sismiċi Awżiljarji Ċertifikati tal-IMS

Kuntest

L-enfasi ewlenija ta' dan il-proġett ser tkun fuq li jkomplu jiġu indirizzati l-istazzjonijiet awżiljarji li qed ifallu, li jeħtieġu azzjoni urġenti ta' manutenzjoni, li preferibbilment ikunu jinsabu f'pajjiżi li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet finanzjarji, filwaqt li fl-istess ħin tkompli ssir manutenzjoni preventiva. Din issir billi jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tagħmir li ma għadux jintuża u l-aġġornamenti b'konsegwenza ta' dan, kif ukoll permezz tat-titjib tal-livelli tar-rikambju tat-tagħmir.

Objettivi u Riżultati

L-objettiv prinċipali huwa li l-istazzjonijiet fil-mira jilħqu livell tekniku kompatibbli mar-rekwiżiti tal-IMS b'mod sostenibbli. Il-manutenzjoni preventiva adegwata u r-rikambju tat-tagħmir assoċjat jgħinu biex jinkiseb dan l-objettiv. B'mod simili, l-appoġġ għall-istazzjonijiet u l-operatur(i) tagħhom f'każ ta' manutenzjoni korrettiva urġenti, inkluż żjarat fuq il-post tal-istazzjon, fejn meħtieġ, ser inaqqas kemm jista' jkun il-ħin ta' waqfien u jgħin biex jiġi sostnut l-istazzjon (ijiet). Qed tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li dan jinkiseb flimkien ma' kompiti oħrajn bħal taħriġ u workshops għall-operaturi tal-istazzjonijiet sabiex tiżdied kemm jista' jkun is-sostenibbiltà. Bħal fi proġetti preċedenti taħt finanzjament preċedenti mill-Unjoni, ser jiġi impjegat persunal temporanju full-time biex jippjana u jwettaq proġetti ta' ħidma fl-istazzjonijiet rilevanti.

Disponibbiltà akbar ta' data u kwalità ogħla ta' data tan-network ta' Stazzjonijiet Awżiljarji minħabba struttura ta' sosteniment imsaħħa li twassal għal viżibbiltà akbar għall-UE.

Komponent 2: Proġetti 2-8

Proġett 2: L-involviment mal-Istati Firmatarji, inkluż il-validazzjoni u l-ittestjar ta' sistemi tekniċi bl-użu tat-teknoloġija tal-Cloud għall-Fażi 3 tat-Tfassil mill-Ġdid taċ-Ċentru tad-Data Internazzjonali (IDC)

Kuntest

L-IDC beda l-Fażi 3 tal-Proġett ta' Tfassil mill-Ġdid (RP3) tal-IDC li għandu l-għan li tiġi żviluppata sistema komprensiva ta' software għall-ipproċessar SHI (sismiku, idroakustiku u tal-infrasound) matul l-għaxar snin li ġejjin.

Il-proġett ser iwassal għal titjib notevoli fis-sistema SHI eżistenti, bħal:

— titjib fil-flessibbiltà tal-interfaċċa tal-utent għall-għodod tal-analisti, titjib fil-fluss ta' ħidma tar-rieżami tal-analisti, fil-ġestjoni tal-avvenimenti, fil-korrelazzjoni trasversali u t-tqabbil tal-avvenimenti, fl-integrazzjoni tal-għodod tal-mapep u tal-mapep, fil-viżwalizzazzjoni u l-editjar ta' maskri tal-kontroll tal-kwalità tal-forma tal-mewġa, fil-wiri tal-frekwenza-numru (FK) tal-mewġa u fl-appoġġ għat-taħriġ tal-analisti;

— ġbir komprensiv tal-oriġini tad-data sabiex wieħed jifhem kif inkisbu r-riżultati tal-ipproċessar, u investigazzjoni tal-evoluzzjoni tar-riżultati ħekk kif tinbidel l-informazzjoni disponibbli;

— l-estensibbiltà bħala karatteristika ewlenija inkorporata fil-komponenti kollha;

— konfigurazzjoni integrata u flessibbli tal-pipeline SHI appoġġata minn għodod grafiċi;

— faċilitazzjoni ta' mudell ġdid għall-iżvilupp ta' software kollaborattiv billi jiġu segwiti l-aħjar prattiki fl-iżvilupp ta' software b'sors miftuħ;

— titjib fil-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ttestjar – Riproduzzjoni tas-Sett tad-Data ta' Ttestjar.

It-Tieni Proġett ta' Tfassil mill-Ġdid (RP2) twettaq permezz ta' Kontribuzzjoni In Natura mill-Istati Uniti kif ukoll tal-finanzjament taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1837. Il-finanzjament intuża, b'mod partikolari, biex jiġu sostnuti l-laqgħat tekniċi mal-esperti mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat sehem wiesa' fl-RP2. Dawk il-fondi appoġġaw ukoll attivitajiet ta' ħolqien ta' prototipi, biex jintwera kif is-software mogħti miċ-Ċentri Nazzjonali tad-Data (NDCs) jista' jiġi integrat fl-arkitettura mfassla mill-ġdid.

Bi tħejjija għal RP3, il-fondi taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 intużaw biex jgħollu l-livell ta' tħejjija tat-teknoloġija għal diversi algoritmi, li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fis-software mfassal mill-ġdid, speċifikament biex jiġu pprovduti modi aħjar biex jiġu proċessati s-sekwenzi ta' repliki sismiċi b'mod awtomatiku jew semiawtomatiku.

Objettivi

— Appoġġ għall-evoluzzjoni tas-sistema mfassla mill-ġdid biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-NDC mill-bidu, billi jiġu appoġġati t-talbiet tal-NDC għal software u aġġornamenti relatati, u funzjonalitajiet għat-twettiq ta' attivitajiet tal-NDC.

— Offerta ta' aċċess b'livell baxx ta' ostakli biex l-Istati Firmatarji jappoġġaw, jivvalutaw u jivvalidaw il-progress tal-proġett ta' tfassil mill-ġdid tal-IDC.

— It-tisħiħ tal-impenn tal-komunità tal-NDC fil-Fażi 3 tal-proġett ta' Tfassil mill-Ġdid tal-IDC

— Evalwazzjoni tal-fattibbiltà ta' offerta futura ta' "NDC bħala servizz", bl-użu tat-teknoloġija tal-cloud.

Riżultati

— Pjattaforma għall-evalwazzjoni u l-ittestjar msejsa fuq il-cloud għall-NDCs, biex tiġi eżaminata l-funzjonalità kif ukoll ir-rekwiżiti mhux funzjonali tas-sistema SHI mfassla mill-ġdid.

— Istanzi ospitati multipli tal-pjattaforma biex tkun possibbli n-noninterferenza ta' NDCs differenti.

— Sistema prototip "NDC bħala servizz", ospitata fil-cloud.

Eżitu

Il-benefiċċju ewlieni tal-proġett huwa li jippermetti aċċess b'livell baxx ta' ostakli għal Firmatarji tal-Istat u l-NDCs għall-istat attwali tas-sistema mfassla mill-ġdid, speċjalment għall-NDCs mingħajr kapaċità ta' informatika u għarfien dwar l-appoġġ tas-sistema estensivi. Fuq il-bażi ta' din il-ħidma, ser jiġu pprovduti l-fattibbiltà kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' spejjeż ta' offerta potenzjali futura ta' "NDC bħala servizz".

Proġett 3: Mudell ta' Trasport Atmosferiku ta' Riżoluzzjoni Għolja Msaħħaħ

Kuntest

Għall-fini ta' mmudellar ta' trasport fuq distanza twila, is-CTBTO tuża sistema avvanzata ta' Mmudellar ta' Trasport Atmosferiku (ATM, *Atmospheric Transport Modelling*) imsejsa fuq il-Mudell Langrangjan ta' Dispersjoni ta' Partikoli FLEXPART. Din is-sistema tippermetti l-immudellar fuq skala globali. Madankollu, għal avvenimenti speċjali, hemm ukoll il-ħtieġa li jitwettqu simulazzjonijiet fuq skala lokali (riżoluzzjoni għolja). Ġiet żviluppata l-verżjoni bażika tal-Mudell ta' Trasport Atmosferiku ta' Riżoluzzjoni Għolja (HRATM, *High Resolution Atmospheric Transport Model*) imsejsa fuq FLEXPART-WRF, iffinanzjata mill-Unjoni taħt Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill. It-testijiet inizjali wrew liema karatteristiċi jridu jittejbu jew jiġu implimentati b'mod differenti sabiex ikun hemm sistema għalkollox affidabbli.

Objettivi

Tisħiħ ta' mudell ta' trasport atmosferiku ta' riżoluzzjoni għolja (EHRAT, *existing high-resolution atmospheric transport model*) eżistenti u żvilupp ta' interfaċċa għat-tnedija tiegħu.

— Familjarizzazzjoni mal-verżjoni attwali tal-HRATM installat fis-CTBTO u l-lista ta' titjib issuġġerit.

— Familjarizzazzjoni mal-pipeline tal-ATM, b'mod speċifiku mal-format tad-data meteoroloġika.

— Jiġu proposti, żviluppati u ttestjati soluzzjonijiet biex jiġi indirizzat dan it-titjib.

— Fid-dawl tal-fatt li l-verżjoni attwali taħdem biss bid-data taċ-Ċentri Nazzjonali għat-Tbassir Ambjentali (NCEP), jiġu proposti u implimentati bidliet li jippermettu t-tħaddim tal-HRATM bid-data taċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perijodu Medju (ECMWF).

— Jiġu ttestjati każijiet differenti.

— L-iżvilupp ta' interfaċċa għat-tnedija ta' EHRAT fil-pipeline eżistenti tal-ATM; jekk jintlaħaq qbil dwarha, din tista' tkun parti mill-interfaċċa attwali ta' tnedija użata biex isiru simulazzjonijiet ta' ATM għal analiżi esperta fis-CTBTO.

Eżitu

L-EHRAT ser isir waħda mill-għodod ta' ATM użati mill-esperti tal-ATM u mill-NDCs biex jittestjaw u jivvalidaw l-ipoteżijiet relatati, pereżempju, mal-istima ta' fejn jinsab it-terminu sors (source-term).

Proġett 4: Studju fl-aċċellerazzjoni tal-Unità ta' Pproċessar tal-Grafika (GPU, *Graphics Processing Unit*) ta' FLEXPART (FLEX-GPU)

Kuntest

Għall-fini ta' mmudellar ta' trasport fuq distanza twila, is-CTBTO tuża sistema avvanzata ta' Mmudellar ta' Trasport Atmosferiku (ATM) imsejsa fuq il-Mudell Langrangjan ta' Dispersjoni ta' Partikoli FLEXPART.

Filwaqt li jitqies li, fil-ġejjieni, l-immudellar fuq il-bażi ta' algoritmi multipli (ensemble modelling) jista' wkoll isir parti mill-provi operazzjonali mwettqa mill-pipeline tal-ATM, qed jiġi esplorat mod ġdid biex jiġu aċċellerati s-simulazzjonijiet.

Is-CTBTO akkwistat STAZZJON NVIDIA DGX b'erba' GPUs Tesla V100 li jagħtu 500 TFLOPS (preċiżjoni mħallta). Hija topera Linux u hija akkumpanjata minn kompilatur FORTRAN minn PGI, li fuqu jista' jitħaddem OpenACC, li jintuża sabiex jiġu pparallelizzati algoritmi xierqa bħalma huma ċirkwiti, u kalkolazzjonijiet ta' matriċi mfassla għal sistemi ta' GPUs.

Objettivi

Studju biex jiġi aċċertat x'titjib possibbli tal-prestazzjoni fis-simulazzjonijiet FLEXPART jista' jsir permezz ta' aċċellerazzjoni tal-GPU u biex jiġi pprovdut pakkett ta' kodiċijiet FLEXPART li jkun lest u ddokumentat u li fuqu jkun jista' jitħaddem OpenACC.

— Familjarizzazzjoni mal-verżjoni attwali ta' FLEXPART (9.3.2.) installata fis-CTBTO u evalwazzjoni ta' jekk huwiex possibbli li tiġi kkompilata bil-kompilatur Fortran ta' PGI; evalwazzjoni tal-vantaġġ li jintuża FLEXPART 10 minflok FLEXPART 9.3.2.

— Ħolqien ta' profil tat-tħaddim ta' FLEXPART biex jinstab liema algoritmi/ċirkwiti huma l-aktar xierqa għal tentattiv inizjali ta' parallelizzazzjoni u għall-użu tal-GPUs.

— Evalwazzjoni tat-titjib tal-prestazzjoni.

— Kisba ta' pakkett ta' kodiċijiet FLEXPART li jkun lest u ddokumentat u li fuqu jkun jista' jitħaddem OpenACC, li għandu jkun faċli li jiġi integrat mal-pipeline tal-ATM.

Eżitu

Jekk ir-riżultat ta' dan l-istudju jkun pożittiv, il-FLEXPART modifikat jista' jipprovdi mod ġdid biex jiġu aċċellerati s-simulazzjonijiet tal-ATM. Fil-pass li jmiss, dan jista' jiġi integrat mal-pipeline tal-ATM u r-riżultati jistgħu jsiru disponibbli għall-NDCs.

Proġett 5: Għodda ta' Stima tal-Isfond ta' Ksenon (XeBET, *Xenon Background Estimator Tool*)

Kuntest

Il-preżenza ta' sfond ta' gass nobbli f'evoluzzjoni kostanti fl-atmosfera tagħmel aktar diffiċli l-identifikazzjoni pożittiva ta' kampjun assoċjat ma' test nukleari. Ser tiġi ġġenerata mill-Għodda ta' Stima tal-Isfond ta' Ksenon stima tal-kontribuzzjoni ta' radjuksenon minn sorsi magħrufin għal kull kampjun miġbur minn sistemi ta' gass nobbli fi stazzjonijiet tal-IMS. Din l-istima ser tgħin biex jiġi deċiż jekk ir-rilevament jistax jiġi spjegat minn sorsi magħrufin.

Objettivi

L-iżvilupp ta' għodda ta' stima tal-isfond (BET, *background estimator tool*) biex tikkwantifika l-kontribuzzjoni ta' radjuksenon minn sorsi magħrufin għar-rilevamenti fi stazzjonijiet tal-IMS. Din l-għodda ser tkun ibbażata fuq ir-rilevamenti tal-IMS, għarfien ta' sorsi magħrufin u s-Sensittività Sors-Riċettur (SRS) tas-CTBTO. L-għodda l-ġdida trid tkun affidabbli, ottimizzata, f'waqtha u għandu jkun faċli li tiġi ttestjata, li ssirilha manutenzjoni u li tittejjeb. Għall-ewwel ser tkun qed titħaddem fuq in-network ta' żona lokali Development-LAN.

— Twettiq ta' analiżi tal-letteratura biex jiġi identifikat l-aħjar approċċ biex jiġu kkategorizzati u kkwantifikati r-rilevamenti tal-ksenon fid-dimensjoni ċivili fl-istazzjonijiet ta' IMS u biex jitħejja pjan ta' proġett għall-iżvilupp ta' prototipi.

— Ġbir ta' informazzjoni minn sorsi magħrufin u din issir disponibbli permezz ta' SWP.

— L-elaborazzjoni ta' bażi ta' data online għall-ġbir ta' informazzjoni minn sorsi magħrufin.

— Żvilupp u ttestjar ta' prototip fuq subsett ta' stazzjonijiet tal-IMS. Il-prototip irid jiġi żviluppat biex jiġi trasferit b'mod faċli fuq id-Development-LAN tal-IDC tas-CTBTO u jrid isir disponibbli għall-NDCs.

— Il-prototip jitħaddem fuq rilevamenti magħżulin li jippreżentaw sfida (eż. testijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea jew każijiet oħra) u jiġu proposti għażliet ta' viżwalizzazzjoni.

— Aġġustament u tħaddim tal-BET fuq numru kbir ta' stazzjonijiet tal-IMS.

— Kontribuzzjoni għat-trasferiment tal-IT għas-CTBTO.

— Id-dokumentazzjoni ser tiddeskrivi s-suppożizzjonijiet kollha li saru biex tiġi żviluppata u titħaddem l-għodda.

Eżitu

Il-BET ser tipprovdi informazzjoni oġġettiva biex kull kampjun ta' gass nobbli tal-IMS jgħin biex jiġi deċiż sa liema punt rilevament speċifiku jkun aktar probabbli li jkun assoċjat ma' test nukleari jew ma' sorsi magħrufin. Din l-informazzjoni mbagħad ser tintuża bħala kontribut għal għodda għar-rikostruzzjoni tat-terminu sors. Ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-istudji mwettqa jistgħu jkunu bbażati jew jiġu kondiviżi mal-komunità tal-WOSMIP (Workshop dwar il-Firem ta' Produzzjoni ta' Iżotopi li ssir mill-Bniedem).

Proġett 6: Għodda ta' Stima tat-Terminu Sors

Kuntest

F'dawn l-aħħar snin, tfaċċaw diversi approċċi promettenti biex jiġu stmati l-parametri għat-terminu sors (il-post, il-profil temporali tar-rilaxx u l-ammont totali ta' radjuattività rilaxxata) minn rilevamenti. Din l-informazzjoni dwar il-parametri ta' materjal perikoluż merħi wara inċident hija importanti ħafna għas-CTBTO fil-każ ta' avveniment rilevanti għat-Trattat. Il-propożizzjoni hija li wieħed minn dawk l-approċċi jiġi adattat għall-ħtiġijiet tas-CTBTO. L-għodda l-ġdida trid tkun affidabbli, ottimizzata, f'waqtha u għandu jkun faċli li tiġi ttestjata, li ssirilha manutenzjoni u li tiġi aġġornata. Għall-ewwel ser tkun qed titħaddem fuq in-network ta' żona lokali Development-LAN tal-IDC.

Objettivi

L-Għodda ta' Stima tat-Terminu Sors (STE) ser tiġġenera l-ewwel stima awtomatika tal-parametri tat-terminu sors bl-użu ta' rilevamenti u nonrilevamenti minn stazzjonijiet tal-IMS. Ser tiġi żviluppata interfaċċa li permezz tagħha l-esperti tal-IDC u tal-NDCs ikunu jistgħu jittestjaw b'mod interattiv settijiet differenti ta' ipoteżi.

Riżultati

— Twettiq ta' analiżi tal-letteratura biex jiġi identifikat l-aħjar approċċ għal-lokalizzazzjoni u l-kwantifikazzjoni tat-terminu sors, u jitħejja pjan ta' proġett għall-iżvilupp u l-ittestjar tal-STE.

— L-iżvilupp u l-ittestjar ta' prototip fuq każijiet differenti, proposti u żvilupp ta' għażliet ta' viżwalizzazzjoni u ta' interfaċċa. Il-prototip irid jiġi żviluppat biex jiġi trasferit b'mod faċli għall-għodod tal-IDC tas-CTBTO u jsir disponibbli għall-NDCs.

— Kontribuzzjoni għat-trasferiment tal-IT lejn is-CTBTO.

— Id-dokumentazzjoni ser tiddeskrivi s-suppożizzjonijiet kollha li saru biex l-għodda tiġi żviluppata u titħaddem.

Eżitu

L-STE ser tipprovdi informazzjoni oġġettiva biex tgħin biex jinstab post fejn ikun possibbli li jsir test u biex tiġi stmata s-saħħa tiegħu. Għodda bħal din għandha l-potenzjal li tindika żona aktar limitata li jista' jkun fiha s-sors, u tista' tgħin biex tiġi stmata l-probabbiltà li jiġu identifikati radjonuklidi maż-żmien, li huwa vantaġġ sinifikanti jekk tkun meħtieġa Spezzjoni fuq il-Post (OSI, *On-site Inspection*).

Proġett 7: Appoġġ minn servizz ta' għajnuna għal Ċentru Virtwali għall-Użu tad-Data (vDEC, *Virtual Exploitation Data Centre*)

Kuntest

Il-pjattaforma vDEC tippermetti aċċess għal data arkivjata tas-CTBTO għall-istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka li jaħdmu fuq proġetti xjentifiċi. L-aċċess huwa ristrett għad-data meħtieġa speċifikament għall-għan tal-proġett u qafas kuntrattwali jiddefinixxi l-ftehim reċiproku bejn is-CTBTO u l-utent tal-vDEC. B'mod partikolari, hija permessa l-pubblikazzjoni ta' xogħol xjentifiku, dment li s-CTBTO tiġi rikonoxxuta bħala s-sors tad-data fil-pubblikazzjoni.

Il-pjattaforma ilha teżisti għal tmien snin, u l-utenti tal-vDEC ippubblikaw bosta dokumenti evalwati bejn il-pari f'ġurnali xjentifiċi b'reputazzjoni tajba.

Filwaqt li ħafna mill-aspetti tekniċi ta' appoġġ għall-pjattaforma vDEC ġew assorbiti fl-attivitajiet ta' appoġġ ġenerali tal-persunal tal-IDC, hemm bżonn ta' appoġġ addizzjonali u aktar speċifiku. Dan jinkludi funzjoni ta' servizz ta' għajnuna li tkopri mhux biss l-aċċess għall-pjattaforma tal-kompjuter li fuqha jkun installat l-arkivju u l-aċċess għall-bażi ta' data li jkun fiha d-data, iżda wkoll l-aspetti aktar speċifiċi għall-qasam, pereżempju, għajnuna fil-fehim tal-mudell tad-data, l-ispeċifikazzjonijiet tal-istazzjonijiet, il-kalibrazzjoni tal-istazzjonijiet, u affarijiet relatati. L-appoġġ jinkludi wkoll it-titjib tal-konfigurazzjoni tal-pjattaforma vDEC u tas-software installat fuq il-pjattaforma.

Peress li l-utenti jistennew li l-pjattaforma tevolvi maż-żmien, u d-data arkivjata qed tikber fid-daqs, hija meħtieġa wkoll funzjoni ta' ppjanar li tiżviluppa viżjoni għall-evoluzzjoni fil-futur qarib tal-pjattaforma. Fl-aħħar nett, l-appoġġ ser jipprovdi l-manutenzjoni tal-bażi ta' data pubblika ta' pubblikazzjonijiet ibbażata fuq data tas-CTBTO miksuba permezz ta' aċċess għall-vDEC.

Objettivi

— Appoġġ għall-attivitajiet ta' kuljum tal-utenti tal-vDEC permezz ta' funzjoni ta' servizz ta' għajnuna.

— Pjan għal titjib u funzjonalitajiet ġodda li għandhom jiġu installati.

— Tinżamm bażi ta' data pubblika ta' pubblikazzjonijiet ibbażati fuq data tas-CTBTO miksuba permezz ta' aċċess għall-vDEC.

Riżultati

— Rapport ta' kull tliet xhur dwar l-attivitajiet ta' appoġġ.

— Pjan għal titjib u tisħiħ.

— Bażi ta' data pubblika ta' pubblikazzjonijiet ibbażati fuq data tas-CTBTO miksuba permezz ta' aċċess għall-vDEC.

Eżitu

— Appoġġ imsaħħaħ għall-utenti tal-vDEC, li jżid is-sodisfazzjon tagħhom.

— Pjattaforma vDEC imsaħħa.

— Dokumentazzjoni tal-eżitu xjentifiku tal-vDEC.

Proġett 8: It-tkomplija tal-kampanji ta' kejl mobbli tar-radjuksenon f'reġjuni differenti tad-dinja

Kuntest

Il-Kummissjoni Preparatorja għas-CTBTO qed twettaq kejl tar-radjuksenon b'sistemi sensittivi ħafna. Bil-kontribuzzjoni li waslet mill-Unjoni fil-qafas tal-Azzjoni Konġunta 2008/588/PESK, il-Kummissjoni żviluppat u xtrat żewġ sistemi trasportabbli: SAUNA TXL-2 u SPALAX-DR għall-kejl ta' 133Xe, 135Xe, 133mXe u 131mXe. Fil-qafas tad-Deċiżjonijiet 2012/699/PESK, (PESK) 2015/1837 u (PESK) 2018/298, twettqu diversi kampanji ta' kejl mobbli tar-radjuksenon mad-dinja kollha.

Bil-kontribuzzjoni li waslet mill-Gvern tal-Ġappun fl-2017, il-Kummissjoni xtrat it-tielet sistema trasportabbli. Din is-sistema bħalissa hi skjerata f'Horonobe, il-Ġappun. Il-perijodu ta' sentejn ta' operazzjoni taħt il-finanzjament tal-Ġappun jispiċċa f'Jannar 2020.

Fil-qafas tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/298, qed issir kampanja ta' kejl waħda f'Mutsu, il-Ġappun. It-tieni sistema ġiet rinnovata u ser tiġi skjerata f'Fukuoka, il-Ġappun.

Objettivi

Bit-tielet sistema mobbli skjerata f'Fukuoka, hija kompleta l-konfigurazzjoni ta' densità għolja madwar is-sistema ta' gass nobbli JPX38 tal-IMS f'Takasaki. Is-CTBTO qed tippjana li tkompli tħaddem is-sistemi fil-post attwali tagħhom, bi qbil mal-ospitant lokali, sakemm is-sett ta' data miġbur jitqies li jkun ta' vantaġġ xjentifiku u statistiku għal studji futuri, mill-komunità ta' esperti u l-NDCs. It-tliet sistemi mobbli fil-Ġappun għandhom jitħaddmu f'din il-konfigurazzjoni għal mill-inqas sena. Imbagħad jiġu rilokati s-sistemi mobbli, skont strateġija ċara ta' skjerament. Ser jiġi kkunsidrat post ġdid possibbli għal kull waħda minn dawn it-tliet sistemi abbażi ta' liema riżultat xjentifiku jkun mistenni li huwa meħtieġ għall-kalibrazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' gass nobbli tal-IMS kif deskritti fis-CTBT.

Kwalunkwe titjib jew rinnovament ser jitwettaq fl-aħħar tal-kampanja kif meħtieġ. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi ospitanti futuri qed jiġu diskussi.

Biex ikomplu għaddejjin dawn il-kampanji ta' kejl, huma meħtieġa fondi għall-kunsinni bil-baħar tas-sistemi mobbli ta' gass nobbli għal postijiet ġodda, u għat-tħaddim u l-manutenzjoni tat-tliet sistemi għal sentejn. Ser ikunu disponibbli wkoll fondi għall-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-esperti għall-analiżi tar-riżultati. Ser isir sforz speċjali biex dawn il-laqgħat tal-esperti jintużaw bħala opportunità għall-bini ta' kapaċitajiet u biex jiġu diskussi studji futuri bbażati fuq data mill-kampanji ta' kejl. Fuq talba tal-pajjiż ospitanti, il-proġett ser jappoġġa wkoll il-bini ta' kapaċitajiet b'rabta mal-monitoraġġ ta' gass nobbli inkluż użi ċivili u xjentifiċi relatati.

Eżitu

Il-benefiċċji ewlenin tal-kampanji ta' kejl temporanju b'sistemi mobbli ta' radjuksenon huma li jiżviluppaw u javvanzaw metodi xjentifiċi ffokati fuq il-kalibrazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistema ta' verifika kif deskritti fis-CTBT u, fejn xieraq, il-bini ta' kapaċitajiet b'rabta ma' dan.

Intestatura 2: Assistenza teknika inklużi l-bini tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni integrati

Għall-proġetti kollha taħt din l-intestatura, il-PTS huwa mħeġġeġ biex jagħti prijorità lill-esperti mill-Istati Membri tas-CTBTO li tal-inqas jonoraw parzjalment il-kontribuzzjonijiet ivvalutati tagħhom.

PARTI 1: Assistenza teknika u bini tal-kapaċitajiet

Proġett 1: It-titjib tal-kapaċitajiet ta' pproċessar awtomatiku SHI f'NDC-in-a-Box [komponenti SeisComp3 SEEDLink u NET-VISA] u aċċess, għall-NDCs, għal prodotti u servizzi IDC simplifikati u konformi mal-istandards

Kuntest

L-IDC introduċa kapaċitajiet ta' pproċessar awtomatiku fl-SHI NDC-in-a-Box SeisComp3 abbażi tal-assoċjatur NET-VISA. Din il-kapaċità ġdida, li bħalissa qed tiġi ttestjata mill-NDCs, tippermetti lill-utenti jirriproduċu r-riżultati tal-bullettin VSEL miksuba fl-IDC. Abbażi ta' din il-kisba, l-IDC jipproponi li jtejjeb il-komponent NET-VISA SeisCompar3 biex jappoġġa wkoll l-użu ta' stazzjonijiet lokali u networks reġjonali speċifiċi tal-NDC.

Barra minn hekk, l-IDC qed jibni kapaċità ġdida biex itejjeb l-appoġġ għal pakketti ta' analiżi siżmiċi b'sors miftuħ, bħal SEISAN, billi joffri trasmissjoni tad-data fil-forma ta' mewġa f'ħin reali lill-NDCs bl-użu tal-protokoll standard tas-SEEDLink. Dan is-servizz ser ikun disponibbli biss għall-NDCs konnessi permezz tan-network tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjonijiet Dinjija. Din il-limitazzjoni hija imposta minħabba nuqqasijiet tekniċi fil-komponent tas-server SEEDLink tas-SEISComp3. L-IDC jipproponi li jtejjeb is-server SEEDLink tas-SesiComp3 billi jiġu introdotti mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni u ta' kriptaġġ robusti sabiex is-servizz ikun jista' jiġi offrut ukoll lill-utenti awtorizzati permezz ta' konnessjoni tal-Internet sigura.

Biex itejjeb l-appoġġ fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi tal-IDC, l-IDC jipproponi li jimplimenta servizzi web konformi mal-istandards tal-Federazzjoni ta' Networks Sismografi Diġitali (FDSN, *Federation of Digital Seismograph Networks*). Dan il-metodu ġdid ta' aċċess għad-data konformi mal-istandards ser jagħmilha possibbli li bosta utenti ta' pakketti ta' analiżi sismika b'sors miftuħ, bħal SEISAN, jiksbu faċilment prodotti u data mill-IDC minn applikazzjonijiet li jappoġġaw dan l-istandard. Il-metodu ser iżid mas-Sistema ta' Messaġġerija ta' Data ta' Verifika (VDMS, *Verification Data Messaging System*), iżda ma jissostitwihiex, peress li bosta messaġġi tal-VDMS mhumiex definiti fl-istandard tas-servizzi web tal-FDSN (eż. talbiet ewlenin). Għandhom jiġu implimentati s-servizzi web kollha definiti mill-istandard tal-FDSN (fdsnws-station, fdsnws-dataselect, fdsnws-event u fdsnws-availability).

Objettivi

Forniment ta' materjal online għall-NDCs bil-għan li d-data tal-IMS tiġi integrata ma' pakketti ta' analiżi sismika b'sors miftuħ użati lokalment bħal SEISAN

— Titjib tal-kapaċitajiet tal-ipproċessar awtomatiku tal-NDC-in-a-Box tal-SHI permezz tal-appoġġ ta' stazzjonijiet lokali u ta' networks reġjonali speċifiċi għall-NDC f'NET-VISA.

— Simplifikazzjoni u modernizzazzjoni tal-aċċess għal data f'forma ta' mewġa tal-IMS f'ħin reali għall-utenti awtorizzati.

Riżultati

Ir-riżultati kollha għal dan il-proġett jikkonsistu f'titjib għall-moduli tas-software li huma parti mill-NDC-in-a-Box (inkluż moduli ta' software ġodda għal verżjonijiet futuri tal-NDC-in-a-Box).

Eżitu

— Kontinwazzjoni tal-isforzi għal software NDC-in-a-Box mibdija taħt id-Deċiżjoni 2012/699/PESK u li tkomplew taħt id-Deċiżjonijiet (PESK) 2015/1837 u (PESK) 2018/298 biex l-NDCs jitħallew jipproċessaw id-data disponibbli kemm mill-IMS u minn stazzjonijiet lokali, kif ukoll min-networks reġjonali.

— Kollaborazzjoni mal-NDCs għas-simplifikazzjoni ta' aċċess awtorizzat u sigur għal data fil-forma ta' mewġa tal-IMS f'ħin reali.

Proġett 2: Taħriġ, workshops u segwitu għall-NDCs emerġenti (pajjiżi li qed jiżviluppaw madwar id-dinja), akkwist u manutenzjoni ta' Sistemi tal-Bini tal-Kapaċitajiet (CBS) għall-NDCs

Kuntest

Il-bini tal-kapaċitajiet wera li huwa fundamentali għat-tisħiħ tar-reġim ta' verifika tas-CTBT.

Il-Kummissjoni rnexxielha tkompli bl-appoġġ tal-Istati Firmatarji biex jipprovdu mezzi għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-verifika tas-CTBT. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn kontinenti differenti bdew jiggwadanjaw mill-forniment ta' data u prodotti miċ-Ċentru Internazzjonali tad-Data, peress li dawn huma utli mhux biss għal finijiet ta' verifika iżda anki għal applikazzjonijiet ċivili, xjentifiċi u industrijali.

L-istrateġija tal-bini tal-kapaċitajiet tal-Kummissjoni ġiet rikonoxxuta mill-Grupp ta' Ħidma B (WGB). Matul l-eżistenza tal-finanzjament mill-Unjoni, (mijiet ta') membri tal-persunal xjentifiku u tekniku ngħataw taħriġ speċjalizzat dwar l-użu tal-pakkett tas-software NDC-in-a-box, kif ukoll għarfien relatat mas-CTBT li jippremja direttament lill-awtoritajiet nazzjonali potenzjali f'kull Stat.

L-istituzzjonijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li jospitaw Ċentri Nazzjonali ta' Data (NDCs) kienu wkoll qed jibbenefikaw mill-forniment ta' tagħmir bażiku biex jibdew jew biex ikomplu jiżviluppaw il-laboratorji tagħhom għall-ipproċessar tad-data.

Objettivi

L-objettivi tal-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' bini tal-kapaċitajiet huma:

— żvilupp tas-software u tal-infrastruttura;

— workshops tekniċi;

— taħriġ għal NDCs emerġenti dwar l-aċċess għad-data tal-IMS u dwar l-għodod tal-IMS u tal-IDC,

— taħriġ ta' esperti minn NDCs emerġenti permezz ta' żjarat fl-NDCs tal-UE

— taħriġ sistematiku għas-software “extended NDC-in-a-Box” (eNIAB);

— appoġġ għall-integrazzjoni tal-ipproċessar tad-data tal-IMS man-networks sismiċi nazzjonali u reġjonali;

— appoġġ għall-NDCs biex jintegraw id-data tal-IMS ma’ pakketti ta’ analiżi sismika b’sors miftuħ użati lokalment bħal SEISAN;

— għoti ta’ assistenza teknika ta’ rimedju fil-forma ta’ tagħmir tas-CBS u tal-manutenzjoni jew is-sostituzzjoni relatata.

Eżitu

Ser jittejbu l-kapaċitajiet tal-Istati Firmatarji, b’mod partikolari f’pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jieħdu sehem fir-reġim ta’ verifika tas-CTBT.

Proġett 3: Evoluzzjoni u omoġenizzazzjoni tas-sistemi ta’ pproċessar bit-tekonoloġija bl-użu ta’ forom ta’ mewġ multipli u b’sistemi interattivi

Kuntest

L-IDC fassal mill-ġdid is-sistema awtomatika tal-infrasound u żviluppa proġetti ta’ “extended NDC-in-a-box” b’rilaxx inizjali tas-software fl-2016 u aġġornamenti maġġuri fl-2018 u fl-2019. L-isforzi tas-sistema ta’ pproċessar tal-infrasound kienu jinvolvu l-iżvilupp ta’ sistema ta’ stazzjonijiet komposti għall-ipproċessar awtomatiku u s-software ta’ rieżami interattiv. L-għodod żviluppati ġew integrati fl-NDC-in-a-Box (inkluż l-aħħar verżjoni tar-rilaxx 5.0 fl-2019) u fl-ambjent tal-ipproċessar tal-IDC. Barra minn hekk, is-sistema ta’ pproċessar idroakustiku għandha potenzjal li tibbenifika ħafna mill-isforzi li saru fl-iżvilupp tat-teknoloġija tal-infrasound, peress li bosta komponenti bejn dawn iż-żewġ teknoloġiji huma kompatibbli fuq skala kbira. Madankollu, hemm bżonn li jsiru sforzi biex il-komponenti u l-proċessi tas-software jiġu omoġenizzati filwaqt li jittieħed kont ta’ għadd ta’ ħtiġijiet tat-teknoloġija indipendenti u speċifiċi.

Bis-saħħa tal-NDC-in-a-Box u t-taħriġ infrasound dedikat ipprovdut bl-użu ta’ finanzjament preċedenti mill-Unjoni, l-NDCs kisbu kapaċitajiet għal teknoloġiji tal-infrasound u qed jużaw b’mod intensiv l-għodod tal-NDC-in-a-Box. L-IDC jirċievi kontinwament talbiet għal taħriġ ta’ teknoloġija speċifika fil-forma ta’ mewġa, inkluż teknoloġiji tal-infrasound u idroakustiċi, u jitlob għal software speċjalizzat ġdid jew imtejjeb.

L-IDC jipproponi li jitkomplew l-isforzi biex jitlestew is-sistemi tal-infrasound u tal-ipproċessar idroakustiku b’appoġġ għall-ħtiġijiet tal-IDC u tal-IMS u biex jiġu indirizzati t-talbiet tal-NDCs għal software mill-aktar avvanzat. L-għan tal-proġett huwa li s-sistema ta’ pproċessar idroakustika titqiegħed fuq l-istess livell mas-sistema mfassla mill-ġdid tal-ipproċessar tal-infrasound u li jiġu omoġenizzati l-komponenti tas-software komuni u jiġu rfinati d-dipendenzi speċifiċi individwali tat-teknoloġija, filwaqt li jkompli jiġi avvanzat l-ipproċessar biex jinżamm aġġornat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi. Dan il-proġett għandu jippermetti wkoll lill-IDC biex jippjana integrazzjoni bla xkiel ta’ għodod speċifiċi tal-IDC fis-sistema ta’ riinġinerija tal-IDC li qed tiġi żviluppata bħalissa.

Objettivi

— Appoġġ għall-evoluzzjoni tas-sistema ta’ pproċessar tal-istazzjon biex jintlaħqu b’mod kontinwu l-ħtiġijiet tas-sostenn tal-operazzjonijiet tal-IMS u l-IDC.

— Appoġġ għat-talbiet tal-NDC għal software, aġġornament tas-software u funzjonalitajiet biex jitwettqu attivitajiet tal-NDC.

— Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet l-aktar avvanzati biex titjieb l-analiżi u l-interpretazzjoni tas-sinjali infrasound u idroakustiċi għall-identifikazzjoni tas-sors, sabiex tinżamm il-kredibbiltà xjentifika tat-teknoloġiji idroakustiċi u tal-infrasound fis-CTBTO.

— Isiru sforzi biex jiġu inklużi mudelli ta’ propagazzjoni tal-mewġ bi kwantifikazzjoni tal-inċertezza, b’mod partikolari għat-teknoloġija tal-infrasound billi jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet atmosferiċi b’riżoluzzjoni għolja għall-ipproċessar tan-networks u l-analiżi dettaljata tal-avvenimenti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija fuq Terminu Medju.

Riżultati

Ir-riżultati kollha għal dan il-proġett jikkonsistu minn titjib għall-moduli tas-software li huma parti mis-sistema tal-ipproċessar tal-IDC u tal-NDC-in-a-Box (inkluż moduli ta’ software ġodda għal verżjonijiet futuri tal-NDC-in-a-Box).

Eżitu

— Tkomplija tal-bini tal-kredibbiltà teknika u xjentifika tas-sistemi tal-infrasound u dawk idroakustiċi tal-IDC u l-iżgurar tas-sosteniment tal-operazzjonijiet tal-IDC u tal-IMS kif deskritti fl-ewwel għan strateġiku tal-Istrateġija fuq Terminu Medju 2018-2021

— Tkomplija tal-bini fuq l-isforzi għal software tal-NCD-in-a-Box li nbdew u li ġew żviluppati minn finanzjament preċedenti mill-Unjoni, biex l-NDCs ikunu jistgħu jipproċessaw id-data disponibbli mill-IMS kemm għal finijiet ta' monitoraġġ tas-CTBT kif ukoll għal finijiet nazzjonali. Dawn l-isforzi ħolqu bażi b'saħħitha ta' utenti tal-NDC u l-proġett propost iżid il-fiduċja tal-NDC fil-kredibbiltà tas-sistema ta' verifika. Dan jipprovdi wkoll lill-NDCs b'kapaċitajiet addizzjonali biex jipproċessaw b'mod awtomatiku d-data tal-IDC, fejn iħalltu data minn stazzjonijiet tal-IMS u minn dawk mhux tal-IMS fl-NDC-in-a-Box u jirriproduċu riżultati tal-IDC f'ipproċessar awtomatiku tal-NDC-in-a-Box.

— Kollaborazzjoni mal-NDCs biex jinbnew sistemi tal-infrasound u idroakustiċi tal-ogħla livell bħala parti mill-isforzi ta' riinġenerija tal-IDC.

PARTI 2: Proġett 1 Bini ta' kapaċità għat-teknoloġiji tal-OSI

Proġett: Korsijiet Introduttorji Reġjonali tal-OSI għal żewġ Reġjuni Ġeografiċi tas-CTBT

Kuntest

Il-Korsijiet Introduttorji Reġjonali (RIC, *Regional Introductory Courses*) tal-OSI urew li huma fundamentali fit-tisħiħ tar-reġim ta' verifika tas-CTBT, b'mod speċifiku fl-iżvilupp ta' Programm ta' Taħriġ tal-Ispettorat tal-OSI u fin-nomina mill-Istati Firmatarji ta' kandidati trainees għal spetturi ta' sostituzzjoni għal dak il-programm.

Il-Kummissjoni tinsab fl-istadji finali tat-Tielet Ċiklu ta' Taħriġ għal Spetturi ta' Sostituzzjoni tal-OSI. Id-distribuzzjoni ġeografika u tas-sessi ta' dan iċ-ċiklu ta' taħriġ attwali hija statistikament l-aktar popolazzjoni diversifikata ta' trainees meta mqabbla mal-ewwel u t-tieni Ċikli ta' taħriġ.

Ir-rekords juru korrelazzjoni bejn l-għadd akbar ta' nominati minn reġjun ġeografiku wara t-twettiq ta' RIC. L-aktar żewġ RICs reċenti (imwettqa fl-Arġentina fl-2019 u fl-Afrika t'Isfel fl-2016) urew żieda sostanzjali f'nominati esperti mir-reġjun tal-Amerika Latina u tal-Karibbew (ALK) u mill-Afrika rispettivament, li t-tnejn li huma qabel kienu reġjuni sottorappreżentati fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-OSI. Madankollu, il-perċentwal ta' rappreżentazzjoni post-RIC għar-reġjun tal-ALK ma kienx daqs dak tal-Afrika, sempliċiment minħabba li l-RIC fl-Afrika twettaq minnufih qabel il-bidu tat-Tielet Ċiklu ta' Taħriġ, filwaqt li l-RIC fl-Arġentina twettaq sentejn wara matul nofs iċ-ċiklu ta' taħriġ.

Filwaqt li l-RICs twettqu darba kull sentejn fil-passat, dan il-proġett jipproponi li jitwettqu żewġ RICS f'żewġ reġjuni ġeografiċi differenti tas-CTBT fi żmien 12-il xahar minn xulxin, sabiex ikun hemm grupp ta' trainees bl-akbar firxa ġeografika u f'termini ta' ġeneru qabel il-bidu tar-Raba' Programm ta' Taħriġ għall-Ispetturi ta' Sostituzzjoni tal-OSI.

Objettivi

Il-Korsijiet Introduttorji Reġjonali tal-OSI għandhom żewġ objettivi:

— li l-esperti tekniċi nazzjonali u l-persunal mill-Istati Firmatarji tar-reġjun jiffamiljarizzaw ruħhom mar-reġim tal-OSI;

— li jitwessa' l-grupp ta' esperti mill-Istati Firmatarji tar-reġjun li jkunu disponibbli biex jieħdu sehem fl-attivitajiet relatati mal-OSI u biex jiġu identifikati kandidati potenzjali għar-roster tas-Segretarjat Tekniku Proviżorju (PTS) ta' spetturi ta' sostituzzjoni.

Eżitu

Il-forniment ta' għarfien fundamentali tas-CTBT u d-dispożizzjonijiet tiegħu relatati mal-OSI kif ukoll ħarsa ġenerali tal-attivitajiet u t-tagħmir tal-OSI, bl-użu ta' taħriġ prattiku għall-esperti minn Stati Firmatarji, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jirriżulta f'żieda fin-nomini u l-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ tal-OIS futuri.

PARTI 3: Ħidma ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi mhux firmatarji u ma' pajjiżi li ma rratifikawx inklużi l-Istati tal-Anness 2 u bini tal-kapaċitajiet ta' Żgħażagħ, Membri Parlamentari, ġurnalisti u xjentisti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jew f'pajjiżi emerġenti

Proġett 1: Ħidma ta' sensibilizzazzjoni ma' xjentisti, akkademiċi, is-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk mhux governattivi, membri parlamentari u persuni oħra li jfasslu l-politika, lejn id-dħul fis-seħħ tas-CTBT

Kuntest

L-interazzjoni fil-livell tal-esperti mal-Kummissjoni Preparatorja hija mezz indispensabbli biex jinżammu kemm l-appoġġ politiku għall-aspetti kollha tas-CTBT kif ukoll l-aqwa għarfien espert tekniku u prospettiva teknika relatati magħha.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, serje ta' konferenzi u avvenimenti akkademiċi, diplomatiċi u xjentifiċi ta' sensibilizzazzjoni (pereżempju, Konferenza biennali tas-CTBT dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija, Workshops u Konferenzi Reġjonali dwar is-CTBT, Simpożji) kienu strumentali biex tinbena, tinżamm u tiġi estiża l-fiduċja fir-reġim ta' verifika tas-CTBTO. Dawn tejbu wkoll is-sensibilità tal-pubbliku fir-rigward tar-rwol tas-CTBTO u enfasizzaw l-importanza tas-CTBT bħala l-pedament tar-reġim globali ta' nonproliferazzjoni u ta' diżarm.

Il-proġett ta' hawn taħt jikkapitalizza fuq attivitajiet preċedenti, li kienu ffinanzjati mill-Unjoni taħt Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill u Azzjonijiet Konġunti preċedenti u jkompli jsaħħaħ l-aċċess tal-PTS għall-għarfien u l-kompetenzi strateġiċi.

Il-proġett ser jagħmel użu minn sinerġiji u rabtiet transorganizzattivi mal-istrateġija usa' ta' sensibilizzazzjoni tal-PTS.

Objettivi

Punt (i)

It-tisħiħ tal-proċess tas-SnT permezz ta' involviment ma' ċentri xjentifiċi u teknoloġiċi ewlenin madwar id-dinja

L-aċċess kontinwu għal għarfien xjentifiku u teknoloġiku huwa vitali biex il-PTS iżomm vantaġġ tekniku u jkun imħejji b'mod preċiż għal kwalunkwe sfida teknoloġika emerġenti. Barra minn hekk, it-trawwim ta' kooperazzjoni ma' ċentri xjentifiċi ewlenin jippermetti li s-CTBTO tqajjem kuxjenza dwar is-CTBT u dwar ir-rwol tagħha fost ġenerazzjoni transnazzjonali li qed tiżdied ta' xjenzati u esperti tekniċi ġodda.

Riżultati

Dan il-proġett jipproponi li jitwettqu sa erba' korsijiet u programmi ta' taħriġ ta' daqsijiet differenti dwar kwistjonijiet tas-CTBT, b'mod partikolari dwar l-aspetti xjentifiċi u tekniċi tas-CTBT.

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Istati tal-Anness 2 ser ikunu fil-mira b'mod speċifiku, f'konformità mad-dħul fis-seħħ u l-istrateġiji ta' universalizzazzjoni tal-PTS. B'segwitu għas-Simpożju dwar ix-Xjenza u d-Diplomazija ppjanat għall-2020, li għandu jiġi ffinanzjat taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2018/298, il-proġett ser jipprovdi finanzjament inizjali għas-serje ta' Simpożji li jmiss u għall-Konferenza dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija tal-2021, b'enfasi partikolari fuq kontribuzzjoni għall-parteċipazzjoni tan-nisa u għal parteċipanti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll fuq l-Istati li ma rratifikawx l-Anness 2, inkluż membri żgħażagħ tal-Grupp taż-Żgħażagħ tas-CTBTO u l-Grupp ta' Persuni Eminenti.

Punt (ii)

Universalizzazzjoni tat-Trattat permezz ta' Workshops Reġjonali u Subreġjonali:

Il-kisba ta' dinja ħielsa minn ittestjar nukleari permezz ta' reġim legalment vinkolanti u infurzabbli hija responsabbiltà tal-komunità internazzjonali kollha.

Biex jintlaħaq dan l-għan, trid tittieħed strateġija proattiva għas-sensibilizzazzjoni, il-bini tal-fiduċja u l-kooperazzjoni reġjonali.

Pereżempju l-Workshop Reġjonali tal-Istati tal-Gżejjer tal-Paċifiku li sar fl-2018, u l-Workshop Reġjonali tal-Asja tax-Xlokk ospitat fl-2014, ħallew dividendi f'termini ta' żgurar ta' firem u ratifikazzjonijiet addizzjonali tat-Trattat bħat-Tajlandja u Tuvalu.

Riżultati

Dan is-segment speċifiku tal-proġett ser jiffoka fuq it-tlaqqigħ ta' mill-inqas erba' konferenzi subreġjonali. Tnejn minnhom ser isiru fil-kontinent Afrikan bil-għan li l-pajjiżi Afrikani li fadal jiġu mħeġġa jirratifikaw is-CTBT. Workshop minnhom ser isir fost in-nazzjonijiet Afrikani li jitkellmu l-Ingliż. It-tieni wieħed ser jiffoka fuq is-sħubija Frankofona.

Iż-żewġ workshops l-oħra minflok ser jinvolvu xjenzati żgħażagħ u ser jippruvaw imexxu djalogu xjentifiku reġjonali fl-Asja u fl-Ewropa rispettivament.

Punt (iii)

Il-Qawmien mill-Ġdid tal-Interess Akkademiku fis-CTBT:

Matul is-snin 80 u 90, kiber bil-bosta d-dibattitu fid-dinja akkademika dwar kif għandu jitwaqqaf l-ittestjar nukleari globali. L-impetu intellettwali kien ispirat u fil-biċċa l-kbira sostnut ukoll minn movimenti soċjali ta' ambjentalisti żgħażagħ interessati li jiksbu kooperazzjoni globali aktar b'saħħitha lejn stil ta' ħajja aktar sostenibbli. Illum il-ġurnata, il-ħidma akkademika fuq is-CTBT u n-norma kontra l-ittestjar nukleari hija fqira. Bħala riżultat, il-kurrikuli edukattivi rarament jiddiskutu r-rwol tas-CTBT u l-funzjoni importanti tagħha. Dan il-proġett jista' jirrimedja din is-sitwazzjoni billi jipprovdi finanzjament inizjali żgħir biex ikopri:

Riżultati

— It-tlaqqigħ ta' tliet workshops akkademiċi: f'Londra, Pariġi, Moska, Washington, Berlin jew Alġeri.

— L-ikkummissjonar ta' mill-inqas ħames dokumenti li jiddiskutu kif is-CTBT hija kritika fil-bini ta' fiduċja u kunfidenza strateġiċi kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak globali.

— Ħidma ta' sensibilizzazzjoni ma' tal-inqas għaxar universitajiet li jgħallmu kwistjonijiet relatati mal-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni biex jiġu mħeġġa jinkludu s-CTBT fil-kurrikulu edukattiv tagħhom kemm fil-livell universitajru kif ukoll qabel.

Punt (iv)

Stabbiliment ta' pubblikazzjoni tas-CTBT għall-akkademiċi żgħażagħ

Mit-twaqqif tal-Grupp taż-Żgħażagħ tagħha fl-2016, is-CTBTO wettqet sforzi mmirati biex tiżgura preżenza konsistenti taż-żgħażagħ fil-workshops u l-avvenimenti kollha tagħha. Barra minn hekk, waqt il-Konferenza dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija tal-2017 u l-2019, inħarġet rivista msejħa "Newsroom Project" biex jiġu enfasizzati l-perspettivi tal-akkademiċi żgħażagħ dwar kif tiddaħħal fis-seħħ is-CTBT.

Riżultati

Minħabba r-reazzjonijiet pożittivi li waslu, dan il-proġett jiżgura ħruġ konsistenti u perjodiku (idealment darbtejn fis-sena) tar-rivista u l-aktar fattur importanti huwa li l-finanzjament ta' dan il-proġett itejjeb il-kwalità tal-pubblikazzjoni u jittrasformaha f'post għal djalogu u skambju ta' ideat fost l-akkademiċi żgħażagħ dwar is-CTBT.

Eżitu

Minbarra sigurtà globali aħjar, l-appoġġ mill-Unjoni għal dan il-proġett ser isaħħaħ l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-universalizzazzjoni u r-rinfurzar ta' ftehimiet multilaterali, fil-qasam tan-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna. Il-proġetti ser jinvolvu komunità wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet relatati mas-CTBT; ser jippromwovu sinerġiji intraorganizzattivi, effiċjenza u effettività, fi ħdan il-PTS; u ser jintensifikaw ulterjorment il-ħidma ta' sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Istati li għad iridu jiffirmaw u/jew jirratifikaw is-CTBT, inklużi l-Istati tal-Anness II, sabiex jinkisbu d-dħul fis-seħħ u l-universalizzazzjoni tas-CTBT.

Proġett 2: Proġett għall-parteċipazzjoni ta' esperti tekniċi minn Pajjiżi li qed Jiżviluppaw f'laqgħat tekniċi uffiċjali tal-Kummissjoni Preparatorja (referenza informali "Proġett Pilota")

Parteċipazzjoni akbar ta' esperti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u emerġenti f'laqgħat tekniċi uffiċjali tal-Kummissjoni u f'laqgħat xjentifiċi u tekniċi li saru mill-PTS. L-esperti jingħataw l-opportunità li jtejbu l-għarfien xjentifiku u tekniku u l-ħiliet esperti tagħhom fir-rigward tat-teknoloġiji ta' verifika (sismiċi, idroakustiċi, infrasound u radjunuklide).

Kuntest

Bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw u oħrajn emerġenti m'għandhomx ir-riżorsi finanzjarji biex jippermettu lill-esperti tagħhom jieħdu sehem fil-ħidma xjentifika u teknika li qed issir f'laqgħat tekniċi uffiċjali tal-Kummissjoni Preparatorja. Dan ifisser li hemm defiċit ċar fl-involviment ta' rappreżentanti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rakkomandazzjonijiet magħmula u d-deċiżjonijiet meħuda, dwar kwistjonijiet tekniċi ewlenin rilevanti għar-reġim ta' verifika tas-CTBT. Dan id-defiċit huwa problematiku peress li bosta stazzjonijiet tas-Sistema ta' Monitoraġġ Internazzjonali tas-CTBT jinsabu, jew ser ikunu jinsabu, fit-territorju ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u emerġenti u huma ġestiti mill-istituzzjonijiet tal-pajjiż. Barra minn hekk, bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw huma fil-proċess li jistabbilixxu u jtejbu ċ-Ċentri Nazzjonali ta' Data tagħhom biex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ mid-data u l-prodotti ġġenerati mis-sistema ta' verifika.

Dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni jfisser ukoll li bosta pajjiżi huma esklużi minn mezzi importanti biex itejbu l-kapaċità, l-għarfien u l-ħiliet esperti tagħhom relatati mat-teknoloġiji ta' verifika tas-CTBT. Dawn it-teknoloġiji huma rilevanti mhux biss għall-objettivi ta' diżarm u nonproliferazzjoni tas-CTBT, iżda anki għal applikazzjonijiet ċivili u xjentifiċi importanti ta' benefiċċju usa' għall-komunitajiet f'dawn il-pajjiżi, bħal twissija ta' diżastru għal tsunamis, terremoti u eruzzjonijiet ta' vulkani.

Għalhekk, matul il-Parti II tas-Sebgħa u Għoxrin Sessjoni tagħha (13-17 ta' Novembru 2006), il-Kummissjoni qablet li tistabbilixxi proġett pilota bil-għan li jindirizza din l-isfida. Fil-Wieħed u Ħamsin Sessjoni tagħha (7-9 ta' Novembru 2018), il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli bil-proġett għal tliet snin oħra, mill-2019 sal-2021.

S'issa kien possibbli li jingħata finanzjament għal massimu ta' 12-il espert. B'dan il-finanzjament addizzjonali jistgħu jintgħażlu aktar esperti minn grupp ġeneralment akbar ta' nomini ta' kandidati.

Objettivi

It-tisħiħ tal-karattru universali tal-Kummissjoni Preparatorja għas-CTBTO u l-bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'dawk emerġenti permezz ta' involviment akbar ta' dawk l-esperti tal-pajjiżi fil-proċessi tat-tfassil tal-politika relatata mas-CTBTO u l-kapaċità mtejba tagħhom fir-rigward tat-teknoloġiji ta' verifika tas-CTBTO u l-applikazzjonijiet ċivili u xjentifiċi usa' tagħhom.

Eżitu

Parteċipazzjoni akbar ta' esperti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u minn dawk emerġenti f'laqgħat tekniċi uffiċjali tal-Kummissjoni u f'laqgħat xjentifiċi u tekniċi li jsiru mill-PTS. L-esperti jingħataw l-opportunità li jtejbu l-għarfien xjentifiku u tekniku u l-ħiliet esperti tagħhom fir-rigward tat-teknoloġiji ta' verifika (sismiċi, idroakustiċi, infrasound u radjunuklide).